Southern Italy

# Best of Puglia

**INŻURU:** Andria, Polignano al Mare , Ostuni, Alberobello, Locorotondo, Trani, MartinaFranca, Bari, S,Giovanni Rotondo, Monte S. Angelo, Barletta, Mola, Bitonto u Molfetta Mongolfiera

**12-19 TA' ĠUNJU • 09-16 TA' OTTUBRU**

### L-EWWEL JUM
Niltaqaw l-airport internazzjonali ta`Malta fit-08.20 għat-titijira Ryan Air FR9875 li ttir fis-10.20 lejn Bari Airport fejn naslu f'11.40. Transfer bil-coach lejn il-belt sabiħa ta` Andria fir-reġjun t`Apulia. Pero`qabel naslu nagħmlu waqfa ġewwa **Polignano al Mare**. Mat-tour leader dawra bil-mixi madwar din il-belt meqjusa l-perla tal-baħar Adrijatiku. Inżuru il-lungomare fejn nistaw nammiarw l-għerien imnaqqxa fl-irdumijiet u xtut imzerzqa madwar ilmijiet ċari. Inżuru ċ-ċentru Wara nibqgħu sejrin lejn il-hotel ċentrali Cristal Palace 4 stars ġewwa Andria, sistemazzjoni tal-kmamar, ċena u fl-għaxija l-ewwel ħarga mal-leader.

### IT-TIENI JUM
Buffet Breakfast u nibdew il-vjaġġ lejn il-belt ta**: Ostuni** (The white city). Waħda mill-bliet attraenti bi ħjiel tal-medju Evu f'kull rokna, pjazza tal-belt. Ostuni famuża għall-effetti ta`djar bl-abjad fuq għoljiet madwar imsaġar taż-żebbuġ. Niskopru turġien, toroq dojoq bl-arkati, **il-katedral Santa Maria Assunta**, **piazza della Liberta`, Kolonna ta` Sant Oronzo**. Ħin liberu nkomplu billi ngħaddu mil-**Parco Nazionale dell-Alta Murgia** biex nidħlu ġewwa **Alberobello** belt rinominata Unesco world heritage site. Flimkien inżuru r-riżort tat-**Trulli Rione Monti**(djar zgħar mibnija bil-ġebla tal-ġir lokali). Ħin liberu u ċena fil-hotel.

### IT-TIELET JUM
Tluq lejn is-Santwarju mirakoluż ta` **Santa Maria dei Miracoli** li hija mibnija fuq tlett livelli bl-immaġni tal-Madonna bi tfal. Inkomplu lejn il-peniżola S.Maria di Colonna fejn nagħmlu mixja biex ingawdu veduti spettakolari tal-baħar Adrijatiku. Inkomplu via **lungomare Colomba** sakemm naslu **Trani.** Dan huwa port tas-sajjieda mill-isbaħ ġewwa Puglia fejn flimkien inżuru **Villa Comunale** min fejn naraw veduta fantastika ta`**Trani, Corso Cavour, il-kastell, Piazza della Repubblica** u finalment **il-katedral** meqjus bhala ir-regina tal-katidrali pugliesi. Ħin liberu u wara nitilqu lejn Andria. Ċena u ħarġa mal-leader.



### IR-RABA' JUM
Breakfast. Immorru **Bari** l-belt kapitali tar-Reġjun t`Apulia. Ċentru ekonomiku mal-baħar Adrijatiku, imlaqqma t-tieni Napli. Mal-wasla tagħna city tour fejn naraw **Castello Svevo, Basilica San Nicola, Via Sparano, Corso V. Emanuele, Piazza Ferrarese, Teatro Pettruzzolli u Piazza Umberto**. Inżuru ċ-ċentru storiku fejn nesperjenzaw **La Via delle orechiette u l-lungomare**. Ħin liberu. Tard wara nofs in-nhar nħallu Bari biex immorru **Mola** belt magħrufa għal l-ifjen focaccia ġewwa Puglia. Dawra sabiha mal-leader fejn niskopru l-**port tas-sajjieda, lungomare Dalmazia, Castello Angioino, il-Collegiata di San Nicola** ġewwa **Via V.Veneto.** Ritorn lejn il-hotel għaċ-ċena.

### IL-ĦAMES JUM
Illum vjaġġ panoramiku, reliġjuż u ambjentali lejn it-tramuntana ta`Puglia. Nesperjenzaw is-sbuħija tal-Gargano. Inkomplu bil-vjaġġ madwar veduti spettakolari lejn **San Giovanni Rotondo**. Ma eluf ta`pellegrini inżuru l-highlights relatati ma' **San Pio da Pietrelcina, Santa Maria delle Grazie, Santuario u museo di Padre Pio**. Il-kripta u l-qabar tal-qaddis. Ħin liberu. Wara nkomplu vjaġġ fost xenarju mill-isbah tal-parco del Gargano. Wara sensiela ta` veduti spettakolari naslu fuq **Monte Sant Angelo** fejn inżuru il-kastel Normanno Svevo u l-Grotta/ Santwarju mirakoluż ta`San Mikiel. Ħin għax-shopping tas-suvenirs. Ritorn mill-isbaħ fejn nesperjenżaw l-isbaħ veduti tal-kosta ta' Manfredonia. Naslu Andria, ċena u ħarġa mal-leader.

### IS-SITT JUM
Wara l-breakfast ikollna ħin liberu ġewwa **Andria** fejn nistaw inzuru **Piazza Umberto, Corso Cavour, Via Regina Margherita u Villa Comunale.** Kmieni wara nofs in-nhar nitilqu lejn **Locorotondo** belt zgħira madwar medda kbira t`għelieqi u djar pittoreski kollha bojod magħrufa (Cummerse). Mal-leader nagħmlu dawra saċ-ċentru storiku cirkulari u pedonali. Naraw sqaqien dojoq, arkati u qsari jzejnu turġien antiki. Qabel it-tluq veduti mpressjonanti ta`**Valle d`Itria** mimli vinji u msaġar taż-żebbuġ.Inkomplu lejn Martina Franca belt b`centru sabiħ il-gojjel tal-belt. Nidħlu min **Porta S Stefano, Piazza Roma u Palazzo Ducale. Inżuru l-parti ta`Lama` sqaqien pedonali, palazzi u l-Basilica ta`San Martin go Via V.Emanuele**. Hin liberu u ritorn lejn il hotel gewwa Andria. Ċena u ħarġa mal-leader.

### IS-SEBA' JUM
Dal-għodu tluq lejn **Barletta**. Dawra mal-leader fejn naraw **il-Katedral, Santa Maria Maggiore, Colossus, il-kastell, Giardini Fratelli Cervi, Via Cavour u Corso Garibaldi**. Inkomplu lejn **Gran shopping Molfetta Mongolfiera** complex fejn nagħmlu l-aħħar shopping min dan l-istabbiliment kbir b`ħafna ħwienet sbieħ. Wara nkomplu lejn Bitonto waqfa f`din il-belt imdawra bl-għelieqi kbar b`siġar taż-żebbuġa. Dawra fiċ-ċentru storiku ta`Bitonto mal-leader fejn naraw is-simbolu tal-belt: **il-katidral Romanesk Pugliese** dedikat lil Maria Assunta fejn hemm pulptu prezzjus fl-irħam(patrimonio artistico). Inżuru l-**mosaico del grifo, piazza Marconi, piazza Aldo Moro u Torrione Angioino.** Tluq lejn il-hotel, ċena u l-aħħar ħarġa mal-leader.

### IT-TMIEN JUM
Wara l-breakfast transfer lejn l-ajruport modern ta' Bari għat-titjira FR9874 li ttir fl-12.05 u mistennija naslu Malta fis-13.25

**8**
**T'IJIEM**

**MINN €**
**795**
**KULL PERSUNA**

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET, HALF BOARD U TAXXI MĦALLSA

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €845 | €795 |
| Kamra żewġ persuni | €850 | €800 |
| Kamra ta' persuna waħda | €980 | €930 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €630 | €580 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira bir-Ryan Air: Malta-Bari-Malta,
- 20kg baggage allowance u reserved seat.
- 7 lljieli- Hotel Cristal Palace 4 star fiċ-ċentru ta'Andria.
- Kmamar kollha bil-facilitajiet privati u arja kundizzjonata:
- Buffet continental breakfast
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport, city tax, service charge
- Tour Leader
- Insolvency protection